ACTIO MANUTENTIONIS

PUSSESS

PREKARJU

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Ottubru 2016

**Kawza Numru : 20**

**Rikors Guramentat Numru : 781/2015/LSO fl-ismijiet :**

**Giuseppa Spiteri**
**(KI. 698829M)**

**vs**

**Anthony Bezzina**
**(KI. 134147M)**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat ta' Giuseppa Spiteri (KI. Nr. 698829M) datat 13 ta' Awwissu 2015 fejn esponiet: -

A. Dikjarazzjoni mahlufa tal-attrici dwar l-oggett tat-talba :

1. Illi hija armla minn Louis Spiteri, u tigi oht il-konvenut u sa minn twelidha kienet dejjem tabita fid-dar numru 64/65, 'L-Ghodwa', Triq Tad-Dawl, Haz- Zebbug, Malta;

2. Illi bis-sahha tat-testmenti tal-genituri taghha Nazzareno u Carmela Bezzina li mietu rispettivament fit-18 ta' Lulju 1969 u fis-6 ta' Jannar 1983 u cioe' l-erba' testmenti *unica charta* ricevuti min-Nutar Nicola Said fl-24 ta' Settembru 1958, fit-30 ta' Lulju 1960, fil-15 ta' Mejju 1963 u fl-20 ta' Dicembru, 1963 (rispettivament annessi bhala Dok. A, B, C u D), u zewg testmenti ohra ta' ommha bhala armla, ricevuti mill-istess Nutar fis-7 ta' Ottubru, 1970 (Dok E) u fl-4 ta' Ottubru 1978 ( Dok F), bhala sidien <u>ossia bhala 'nudi proprietarji' tad-dar imsemmija.</u> hemm :

- l-istess attrici kwantu ghal sehem indiviz ta' tlieta minn hamsa (3/5) (konsistenti f' sehem indiviz ta' nofs (1/2) imholli bi prelegat lilha mill-missier u sehem indiviz ta' wiehed minn ghaxra (1/10) bhala sehemha ta' ko-werrieta mill-wirt tal-omm;
- u l-erba' hutha l-ohra Bezzina, cioe' l-istess konvenut Anthony, John, Philip u George (ossija l-aventi kawza tieghu peress li miet) kwantu ghal sehem indiviz ta' wiehed

minn ghaxra (1/10) kull wiehed, provenjenti mill-wirt tal-omm;

3. Illi in oltre rigward l-istess dar, bis-sahha tal-ahhar testment tal-omm Carmela Bezzina, datat 4 ta' Ottubru 1978 (Dok F), jirrizulta illi l-imsemmi huha John Bezzina, residenti barra u spiss ikun ghal btala f'Malta, ghandu wkoll bi prelegat mill-omm *'per intero'* "... *l-uzu u l-uzufrutt flimkien mad-dritt tal-abitazzjoni gratwita tad-dar Haz-Zebbug, Tad-Dawl Street, numru erbgha u sittin u hamsa u sittin (nr 64 u 65)* ........*ghal tul il-hajja kollha*....".

4. Illi filwaqt li l-konvenut huwa biss 'nudo proprjetarju' tal-imsemmi 1/10 indiviz minn din id-dar u l-attrici hija 'nuda propjetarja' ta' din id-dar kwantu ghas-sehem ta' 3/5 indiviz, l-attrici minn twelidha dejjem kienet tabita fl-imsemmija dar, fejn trabbiet, ghexet ma' zewgha u baqghet tiehu hsieb lill-udituri sa ma mietu rispettivament fl-1969 fl-1983 u fejn anke baqghet toqghod sussegwentement ghal mewt ta' ommha fl-1983 bil-kunsens ta' huha l-imsiefer John, li ghandu l-imsemmi dritt ta' uzu u abitazzjoni tad-dar intiera, sa ma l-konvenut abbuzivament barrielha totalment l-access ghal din id-dar fl-20 ta' Awwissu 2014 ;

5. Illi matul l-abitazzjoni trankwilla mill-attrici wahidha fl-imsemmija dar bil-kunsens ta' huha John Bezzina, b' effett mill-mewt ta' ommhom fl-1983 l-istess John Bezzina kull meta, ghal ben hames jew sitt darbiet gie Malta ghal btala sal-2008, kien jabita flimkien mal-attrici ohtu fl-istess dar;

6. Illi ghall-habta ta' April/Mejju 2013, dejjem waqt li l-attrici kienet qed tkompli tabita wahidha trankwillament fl-imsemmija dar, il-konvenut waqt li inghata l-access mill-attrici ohtu ghad-dar unikament biex jaghmel xi xoghol ta' tibjid, minghajr ebda jedd u ebda kunsens taghha biddel is-serratura ta' wiehed miz-zewg bibien li mit-triq jaghtu ghad-dar u cioe' dak tal-lemin ta' lewn car indikat fuq l-annessi ritratti (Dok. G), sakkar l-access intern li kellha l-attrici ghal zewgt ikmamar, u beda jokkupa tali parti li issegrega ghalih minn din id-dar, a skapitu tal-attrici li b' hekk ittehdilha l-pussesss ta' tali parti, filwaqt li hi baqghet toqghod fir-rimanenti parti bi dhul ghaliha mit-triq mill-bieb l-iehor fuq ix-xellug ta' lewn skur (fl-istess ritratti: Dok G) sa ma eventwalment giet ukoll minnha zgumbrata abbuzivament mill-konvenut;

7. Illi fl-ewwel zgumbrament f’ April/ Mejju 2013 mill-konvenut kontra l-attrici minn parti mid-dar, il-konvenut kien anke nehha mill-fond affarijiet kemm personali tal-attrici u anke tal-wirt tal-genituri, flimkien konsistenti fost ohrajn f’gizirajjen, imsielet, cappetti, purtieri, twapet, salott u zewg pultruni;

8. Illi fit-18 ta' Dicembru 2013, l-attrici intlaqtet minn vettura u soffriet griehi u konsegwentement htigilha li tigi rikoverata fl-Isptar Mater Dei u eventwalment fil-11 ta' Lulju 2014 fid-dar tal-anzjani St Jeanne D' Antide f’ H’ Attard, b' dana illi kien ghad kellha f’ idha c-cavetta u *ergo* l-pussess *de facto* tal-parti bid-dhul mit-triq mill-bieb lewn skur mid-dar 64/65 Triq tad-Dawl, Haz-Zebbug, cioe' ad eskluzzjoni

ta' dik il-parti bid-dhul bil-bieb lewn car, li il-konvenut kien gia' zgumbraha minnha f' April/Mejju 2013;

9. Illi fl-20 ta' Awwissu, 2014 akkumpanjata min-neputijiet taghha l-ahwa Pauline Micallef u Anna Cutajar, l-attrici idderigiet ruhha lejn l-imsemmija parti fir-residenza taghha f' Haz-Zebbug li kienet ghadha f' idejha, sabiex tirtira xi hwejjeg u affarijiet personali ghall-uzu taghha sakemm tkun ghadha fid-dar tal-anzjani St. Jeanne D' Antide, b' dana illi ma setghetx tiftah bic-cavetta l-bieb tax-xellug lewn skur, ghaliex il-konvenut sakkar il-bieb minn gewwa bl-istanga u b' hekk barrielha l-access ghad-dar kompletament;

10. Illi l-attrici rrappurtat dan il-fatt dak il-hin stess fl-Ghassa tal-Pulizija, Haz-Zebbug u sallum il-konvenut ghadu ma irrijintegrax lill-attrici fil-pussess ta' din il-parti tad-dar 64/65 'L-Ghodwa', Triq Tad-Dawl, Haz-Zebbug, Malta, b'access mill-bieb skur tax-xellug f' Dok G .

11. Illi hija taf b' dawn il- fatti 'di scientia propria'.

**(B) Ir-Raguni tat-Talba.**

L-esponenti tiddikjara bhala raguni tat-talba :

- Illi hija 'nuda proprjetarja' ta' 3/5 indivizi tad-dar numru 64/65,' L-Ghodwa' Triq tad-Dawl, Haz-Zebbug;

- Illi minn twelidha dejjem ghexet fl-imsemmija dar u wara l-mewt ta' ommha fl-1983, baqghet tabita fiha bil-kunsens ta' huha John Bezzina, li wara tali mewt kellu u ghad

ghandu ghal dejjem id-dritt ta' uzu u abitazzjoni tal-istess dar fl-intier;

- Illi f' April/Mejju 2013, il-konvenut li ma kienx joqghod f' din id-dar barrielha l-access ghal u zgumbraha minn parti mid-dar, bir-rimanenti parti tibqa' abitata mill-attrici li baqghet b' hekk fil-pussess *de facto* ta' din ir-rimanenti parti;

Illi fl-20 ta' Awwissu 2014, il-konvenut, rega' bi ksur tad-drittijiet possessorji tal-attrici, barrielha wkoll l-access anke ghal din il-parti rimanenti;

Illi hija umilment trid li tkun fil-liberta' li taccedi meta trid f' din ir-rimanenti parti tad-dar *de quo* li dwarha l-konvenut qed iccahad lill-attric mill-pussess *de facto* li kellha;

- Illi ghalhekk kellha issir din il-kawza, sabiex l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li l-konvenut kiser id-drittijiet possessorji tal-attrici, u tordna li l-konvenut jivvaka kompletament mill-imsemmija parti tad-dar li fl-20 ta' Awwissu, 2014 l-attrici ma setghetx taccedi ghaliha u tordnalu jirrijintegra lill-attrici fil-pussess esklussiv ta' tali parti.

**(C) Talbiet**

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob illi din l-Onorabbli Qort joghgobha:

1. Tiddikjara, in bazi ghall-artikolu 534 tal-Kodici Civili, li il-konvenut immollesta lill-attrici fid-dritt ta' pussess taghha billi barrielha l-access ta’ zgumbraha minn dik il-parti, (li okkorrendo, tigi determinata bil-mezz ta’ perit mahtur mill-Onorabbli Qorti), accessibbli mit-triq mill-bieb fuq ix-xellug ta' lewn skur fuq Dok G, tad-dar numru 64/65, 'L-Ghodwa', Triq tad-Dawl, Haz- Zebbug, Malta.

2. Tikkundanna u tordna lill-konvenut, sabiex sa zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa l-Onorabbli Qorti, jizgombra kompletament minn tali parti u jirrijintegra lill-attrici fil-pussess esklussiv tal-istess parti mid-dar *de quo*.

Salv kwalunkwe azzjoni ulterjuri spettanti lill-attrici rigwardanti:

- l-oggetti taghha personali u/jew tal-wirt tal-genituri, imnehhija mill-konvenut mid-dar *de quo*;
- u d-danni subiti mill-attrici b' rizultat tal-izgumbrament taghha mill-konvenut, sal-effettiv re-integrazzjoni tal-pussess hawn mitlub.

Bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-konvenut, minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta’ Novembru 2015.

Rat illi minkejja li l-intimat Anthony Bezzina giet notifikat bir-rikors u bl-avviz tas-smigh kif jidher *a tergo* ta’ fol 34 tal-

process, baqa' ma ipprezenta l-ebda risposta u ghalhekk huwa kontumaci.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta inkluz dak tat-Tlieta, 05 ta' Lulju 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Kenneth Cutajar li prezenta nota b'dokumenti u ddikjara li ghalaq il-provi tieghu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Ottubru 2016 fid-9:30a.m. b'dan illi l-intimat inghata wiehed u ghoxrin (21) gurnata minn dan id-digriet biex jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu b'nota, bin-notifika tad-difensur tal-kontro-parti li jkollu wiehed u ghoxrin (21) gurnata min-notifika ghan-nota responsiva.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi r-rikorrenti ghamlet din il-kawza *ai termini* tal-**artikolu 534 tal-Kodici Civili ta' Malta**. Il-kwistjoni mertu tal-kawza tikkoncerna d-dar numru 64/65 "L-Ghodwa", Triq id-Dawl, Haz-Zebbug. Ir-rikorrenti hija nuda proprjetarja ta' 3/5 indivisi mid-dar. Hi sostniet li minn twelida sa wara l-mewt ta' ommha hija dejjem ghexet hemm u qed titlob li tigi ripristinata fit-tgawdija taghha wara li giet molestata mill-intimat. Ghalhekk, qed titlob l-izgumbrament tal-intimat sabiex hi tigi riintegrata fil-pussess tad-dar *de quo*.

Illi l-intimat huwa kontumaci u naqas milli jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu b'nota wara li gie moghti din il-fakolta` mill-Qorti permezz tal-verbal tal-5 ta' Lulju 2016.

## Fatti

Il-fatti rilevanti ghall-kaz fil-qosor huma s-segwenti. Illi gew esebiti serje ta' testmenti *unica charta* tal-genituri tar-rikorrenti, u zewg testmenti tal-armla Carmela Bezzina **Dok A sa Dok F** (fol 6-28). Illi minn dawn, jirrizulta li r-rikorrenti ghandha n-nuda proprjeta` ta' sehem indiviz ta' tlieta minn hamsa (3/5), u l-erba' hutha l-ohra, u l-istess intimat sehem indiviz ta' wiehed minn ghaxra (1/10) tad-dar in kwistjoni. Inoltre` jirrizulta li permezz ta' **Dok F** (fol 26-28), li hu r-rikorrenti John Farrugia thalla bi prelegat l-uzu u l-uzufrutt tal-imsemmija dar.[1] Ir-rikorrenti tikkontendi li hija minn twelidha dejjem kienet tabita f'din id-dar, u anke wara l-mewt ta' ommha baqghet tabita hemmhekk, bil-kunsens ta' huha John li kellu d-dritt ta' uzu. Jirrizulta li f' April /Mejju 2013 l-intimat diga kien imbarra bieb wiehed mit-triq li jaghti access ghal din id-dar b'mod li r-rikorrenti ma setghetx taccedi izjed u kellha tidhol minn bieb biswit li wkoll jaghti ghat-triq.

Illi fl-ahhar ta' Dicembru 2013 kienet vittma ta' incident stradali u kellha tigi rikoverata fid-dar tal-anzjani St. Jeanne D'Antide. Baqghet izzomm ic-cavetta tad-dar u halliet l-effetti taghha hemm, Izda meta f'Awwissu 2014 hi ppruvat tidhol mill-parti l-ohra, l-intimat imbarra l-access ghad-dar kompetament billi sakkar il-bieb minn gewwa bi stanga. Ghalhekk, ir-rikorenti qed tipprocedi biex tigi reintegrata fil-pussess konsegwentement ghal din il-molestja.

[1] Ir-rikorrenti kienet werrieta ta' din id-dar permezz ta' testment *unica charta* tal-24.9.1958 izda l-omm. Carmela Bezzina,b'testment tal -4.10.1978 halliet l-uzu u l-uzufrutt tad-dar fl-interess tal-istess b'*legato di res aliena.*

**<u>Provi:</u>**

**<u>Giuseppa Spiteri</u>** xehdet permezz ta' affidavit (fol 40-43) qalet li hi ghandha 86 sena u trabbiet u ghexet fl-imsemmija dar, kompliet toqghod hemm meta zzewget u kienet tirrisjedi hemm anke meta kibru l-ginituri taghha u kienet tiehu hsiebhom, u sussegwentement ghall-mewt ta' ommha hi baqghet tirrisjedi hemm. Semmiet li permezz tat-testmenti esebiti tal-genituri taghha u l-ahhar testmenti ta' ommha Carmela Spiteri, hi wirtet in-nuda proprjeta` ta' sehem indiviz ta' tlieta minn hamsa (3/5), filwaqt li l-erba' hutha wirtu sehem indiviz ta' wiehed minn ghaxra (1/10). Spjegat li ghall-habta ta' Mejju 2013, l-intimat huha kien gie jaghmlilha xoghol ta' zebgha u proprju dakinhar kien ha diversi affarijiet mid-dar, fosthom twapet, ghamara, u affarijiet ta' valur, u sussegwentement gie mal-mara tieghu u sgassa l-bieb tan-nah tal-lemin, qala' s-serratura u wahhal serratura ohra. Qalet li hi kienet ghamlet rapport lill-Pulizija dwar dan fejn infurmawha li kienu kellmuh u li kellu jtiha cavetta. Wara li nehhiela l-access ta' parti mid-dar bl-ghemil tieghu, hi qalet li kompliet toqghod fid-dar in kwistjoni sa ma tajritha karozza, f'Dicembru 2013, u kienet giet rikoverata fl-isptar Mater Dei, u sussegwentement fl-isptar Karen Grech, u wara fid-dar tal-anzjani Saint Jeanne D'Antide. Semmiet li meta f' Awwissu 2014 marret fl-imsemmija dar biex iggib xi hwejjeg, il-bieb ma setax jinfetah, u sabet li huha Anthony kien imbarra l-bieb billi sakkar il-bieb minn gewwa bi stanga, liema stanga kien wahhalha hu stess lir-rikorrenti zmien ilu wara, flimkien ma' firrol. Reghhet ghamlet rapport lill-Pulizija, fejn kienet

maghha n-neputija Pauline li bdiet tkellem lil huha Anthony mill-Ghassa bit-telefon u targumenta mieghu. Qalet li hija baqghet sal-lum imcahhda mill-access ghal darha peress li l-intimat huha ghalqilha l-access kompletament.

**Pauline Micallef** xehdet permezz ta' affidavit (fol 45-46) u qalet li hija neputija tar-rikorrenti. Semmiet li hi minn dejjem taf lir-rikorrenti toqghod fl-imsemmija dar. Semmiet li wara l-incident li sofriet ir-rikorrenti f'Dicembru 2013, hi jew hutha kienu jehdulha l-ikel meta kienet id-dar izda d-dar ma tantx damet sa ma terga' tigi rikoverata. Spjegat li hi flimkien ma' ohtha Anna, fl-20 ta' Awwissu 2014, waslet lir-rikorrenti fid-dar f'Haz Zebbug biex iggib xi hwejjeg meta sabu li l-bieb l-iehor li r-rikorrenti kellha access ghalih gie mbarrat ukoll permezz ta' stanga minn gewwa. Qalet li minn hemm baqghu sejrin direttament l-Ghassa tal-Pulizija minn fejn hi cemplet liz-ziju taghha Anthony mill-mobile taghha, li qalilha li kien rema kollox minn hemm gew u anke rceviet theddid minghandu jekk kemm-il darba tersaq 'l hemm. Sussegwentement ghal dan, il-Pulizija cempel lil Anthony Bezzina u qallu li jistghu jittiehdu proceduri kriminali kontrih. Qalet li bl-agir ta' Anthony Bezzina, r-rikorrenti m'ghandha l-ebda access ghad-dar.

**Anna Cutajar** xehdet permezz ta' affidavit (fol 47) u qalet li fl-20 ta' Awwissu 2014, hi flimkien ma' ohtha Pauline kienu marru jwasslu lir-rikorrenti d-dar Haz-Zebbug biex iggib hwejjigha. Spjegat li hi baqghet fil-karrozza meta rat li ma setghux jidhlu fil-fond. Qalet li minn hemm baqghu sejrin l-ghassa tal-Pulizija fejn semghet lil ohtha Pauline iccempel liz-ziju Anthony Bezzina, u sussegwentement il-

Pulizija cempel lil Anthony Bezzina biex jinfurmah li ma setax jhedded lin-nies, u li setghu jittiehdu passi kontrih minhabba t-theddid u minhabba li sakkar lir-rikorrenti barra minn darha.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' Dritt:</u>**

**L-artikolu 534 tal-Kodici Civili** jghid hekk: "*Kull min, waqt li jinsab fil-pussess ta' liema xorta jkun, ta' haga immobbli, jew ta' universalita` ta' hwejjeg mobbli, jigi mmolestat f'dak il-pussess, jista' fi zmien sena mill-molestja, jitlob li jinzamm f'dak il-pussess, basta li ma jkunx ha b'idejh dak il-pussess minghand il-konvenut bi vjolenza jew bil-mohbi, jew ma jkunx kiseb minghandu dak il-pussess b'titolu prekarju."*

Gie ritenut li*, "din l-azzjoni hija ghalhekk immirata mill-atturi sabiex tiddefendi l-pussess taghhom u biex twaqqaf lill-konvenuti milli jimmolestaw fl-istess godiment u allura l-iskop taghha l-funzjoni konservattiva tal-pussess u c-cessazzjoni tal-molestja."* (**Vol.L.I PI p100***).*

Dan jiddiferenzjaha markatament mill-azzjoni ta' spoll in kwantu "*mentre quella di manutenzione e` data per prottegere il possesso, che possa essere turbato, od anche eventualmente violato o distrutto, l'altra di reintegrazione viene fondata per punire la violenza o clandestinita` dello spoglio."* – "**Michele Azzopardi vs Giuseppe Farrugia**", Appell Civili, 31 ta' Ottubru 1930 (**Vol.XXVII PI p622**);

L-elementi essenzjali rikjest mil-ligi ghall-*actio manutentionis a tenur* tal-**artikolu 534 tal-Kodici Civili** huma s-segwenti:

1. Il-<u>pussess</u> ta' haga mmobbli jew universalita` ta' hwejjeg mobbli;

2. l-atti li jikkostitwixxu l-<u>molestja</u> ghal dan il-pussess;

3. il-proponiment ta' l-azzjoni <u>fi zmien sena</u> mill-molestja.

**Pussess:**

Din id-distinzjoni tal-pussess essenzjali ghall-*actio manutentionis*, giet ferm tajjeb rimarkata fil-kaz recenti moghti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, fl-ismijiet **Stacy Chircop vs Maria Spiteri**", deciza fil-11 ta' Lulju 2016, fejn inghad:

*"Jekk tqabbel l-artikolu 534 dwar l-actio manutentionis mal-art. 535 dwar l-actio spolii, tinnota li waqt li l-artikolu 534 irid"il-pussess ta' lima xorta jkun", l-art.535 irid il-'pussess ta' liema xorta jkun, jew id-detenzjoni.' Huwa ovvju ghalhekk, li l-kliem "il-pussess, ta' liema xorta jkun ma jinkludix id-detenzjoni, ghax li kien hekk, il-kliem '….jew id-detenzjoni' fl-artikolu 535 kien ikun superfluwu."*

Il-Qorti kompliet tfisser li :

*"Il-kliem "ta' liema xorta jkun" ifisser illi l-pussess ad interdicta jista' jkun leġittimu jew illeġittimu, in bona fide jew*

*in mala fide, u ma huwiex meħtieġ li jkollu l-kwalitajiet kollha meħtieġa għall-pussess ad usucapionem, iżda jrid ikun pussess; detenzjoni ma hijiex biżżejjed."*

Il-Qorti skont l-awtur Taljan **Alberto Trabucchi** ("Istituzione di Diritto Civile" CEDAM 1999) li jiccita l-artikolu relattiv mil-ligi Taljana li jirrizulta simili ghal dak fit-test Malti: *"Il possesso e' definito dall'art 1140 come un potere sulla cosa che si manifesta in un'attivita' corrrispondente all'esercizio del diritto di proprieta' o di un altro diritto reale"* (pagna 455). Imbaghad ikompli jispjega d-distinzjoni bejn pussess u detenzjoni abbazi ta' l-animus; "*E' l'animus, dicevamo, che distingue le due figure del possessore e del detentore, mentre l'uno e l'altro appaiono in un uguale rapporto di fatto con la cosa. Si ha detenzione quando manca l'animus di esercitare la proprieta' o altro diritto sulla cosa. Nella posizione del detentore rispetto alla cosa esiste l'implicito riconoscimento di una preminente posizione altrui, e in qualche caso di una propria dipendenza da quella … Si avra' detenzione e non possesso in chi tiene la cosa* …d) *nell'interesse proprio del detentore per esercitare un diritto personale sopra la cosa altrui (conduttore della cosa avuta in locazione, comodatario, ecc)".*

Illi permezz tal-kaz sucitat, l-Qorti tal-Appell, hadet l-okkazjoni ticcara d-dubju li kien inholoq dwar l-interpretazzjoni fir-rigward tal-pussess, fil-kaz **Tereza Vella vs Mary Boldarini et** fl-24 ta' Frar 1967 dwar l-element tal-pussess rikjest skont l-artikolu 534 tal-Kap 16, fejn gie ritenut li f'dik il-kawza, l-Onorabbli Qorti tat interpretazzjoni

wiesgha tar-rekwizit tal-pussess, u osservat li fis-sistema tal-ligi taghna, l-vizzju tal-prekarjeta jeskludi l-azzjoni biss meta jkun fil-konfront tal-konvenut, u osservat li dan jirrizulta car mill-kliem "minghandu" fl-ahhar tal-artikolu.

Il-Qorti tal-Appell kompliet:

*"Ir-raġunament hu li min iżomm b'titolu prekarju, bħal ma l-qorti fehmet (erronjament) li hu l-kiri, huwa miżmum milli jinqeda bl-actio manutentionis fil-każ biss li dak it-titolu jkun ġej mill-konvenut stess – alter ab altero; jekk it-titolu prekarju jkun ġej minn terzi ma jqumx l-ostakolu tal-prekarjetà tat-titolu tal-attur.*

*Dan ir-raġunament ma huwiex korrett għax mibni fuq interpretazzjoni żbaljata ta' x'inhu "titolu prekarju". Fid-dottrina franċiża, titolu prekarju huwa t-titolu ta' min, bħal depożitarju jew kerrej, iżomm ħaġa mhux f'ismu iżda f'isem ħaddiehor. Iżda din ma hix it-tifsira li kellu l-prekarju fid-dritt roman – u l-actio manutentionis tagħna hija essenzjalment l-interdett uti possidetis tad-dritt roman – u lanqas ma hija t-tifsira li għandu "prekarju" fil-liġi tagħna: il-ligi stess taghti definizzjoni awtentika ta' prekarju* ***fl-art. 1839*** *tal-Kodici Civili: »Il-prekarju huwa l-istess kuntratt ta' self għall-użu [bħall-kommodat], iżda b'din id-differenza biss, illi dak li jislef il-ħaġa jibqa' fis-setgħa li jeħodha lura meta jrid.«*

*16. Jidher ċar għalhekk li "prekarju" fil-liġi tagħna ma għandhiex it-tifsira wiesa' li għandha fid-dottrina franċiża.*[2]

[2] "… … … en droit romain on ne considérait pas comme possesseurs précaires ceux qui possédaient pour autrui; on se servait, pour qualifier leur situation, d'expressions différentes: corporaliter tenere, naturaliter possidere. C'est par suite d'une extension, ou

*17. Din it-tifsira fil-liġi tagħna, li, kif għidna, hija l-istess tifsira ta' precarium fid-dritt roman*[3]*, għażilha espressament il-leġislatur stess. Fin-noti tiegħu dwar l-art. 1882 tal-Ordinanza VII tal-1868*[4]*, Sir Adriano Dingli jfisser għala nqeda bil-kliem "dawk li jżommu l-ħaġa f'isem ħaddieħor" flok il-kliem "dawk li jżommu l-ħaġa b'titolu prekarju", u jgħid hekk: »"non tengono la cosa come a loro appartenente" invece di "ritengono precariamente" perchè nel Codice francese è usata in quanto che, secondo la giurisprudenza francese, queste parole significano ogni detenzione in nome altrui, mentre secondo le nostre idee tolte dal diritto romano significano soltanto una detenzione a piacere del proprietario.«*

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament.

**Molestja:**

Hu pacifiku ghal dak li jirrigwarda dan l-element, kull attentat ghall-ezercizzju tal-pussess mahsub li jfixkel it-tgawdija u maghmul bl-ghan jew intenzjoni li jwettaq dak ix-xkiel, jikkostitwixxi l-molestja mehtiega biex issejjes l-azzjoni. Ara **Cauchi vs Vella et** moghtija fis-16 ta' Marzu 1935, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell, fl-20 ta' Marzu 1936, (Kolez. Vol. XXIX.ii.373), fejn intqal hekk:

---

même, d'après certains auteurs, d'une confusion manifeste, que les glossateurs et les canonistes ont étendu l'expression de possesseurs précaires à tous ceux qui possèdent pour autrui et reconnaissent un domaine supérieur." Baudry-Lacantinerie & Tissier, Traité Théorique et Pratique de Droit Civil, Vol. XXVIII, De la Prescription, §267

[3] precarium est quod precibus petenti utendum conceditur tamdiu quamdiu is qui concessit patitur [D. 43, 26, 1, pr].

[4] Illum art. 2118 tal-Kodiċi Ċivili.

"*Ghaldaqstant, dik il-molestja tirrizulta kemm jekk hija wahda ta' fatt u kif ukoll jekk tkun wahda ta' dritt, diment li timplika dejjem sfida ghall-pussess tal-attur. U b'rizultat, ta' hekk lanqas huwa mehtieg li jigi muri li l-attur garrab xi hsara (dannu materjali). "***Nicholas Attard et vs Peter Paul Cutajar** *(JRM) P.A. – deciza fl-14 ta' Marzu 2001.*

Fil-kaz **Teresa Vella vs Mary Boldarini et**, Appell Civili deciz fl-24 ta' Frar 1967, fir-rigward tal-molestja inghad:

*"Hi testerna ruhha f'att kompjut kontra l-volonta tal-possessur – u bl-animus contrarius- li jostakola l-pussess jew ibiddel jew jillimita l-mod kif dan kien jigi qabel esplikat anke minghajr ma' l-molestanti jafferma ghalih stess pussess kuntrarju." (Ara wkoll "***Michele Calleja vs Emanuela Cassar et***", Appell Civili deciz fis-7 ta' Novembru 1994).*

Fil-kaz in ezami, l-intimat, naqas li jipprezenta r-risposta u ghalhekk huwa kontumaci skont il-ligi. Inoltre naqas milli jipprezenta sottomissjonijiet bil-miktub fit-terminu lilu akkordat.

Jigi kkonsidrat qabel xejn li ghalkemm l-intimat Anthony Bezzina hu kontumaci dan ma jfissirx li r-rikorrenti m'ghandhiex tipprova l-kaz taghha. *"Hu pacifiku li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni."* **("Charles Saliba s Salvu Borg" -** Appell 27-6-1997) u "skont kif dejjem gie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata wkoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f'certi dettalji li thoss illi huma mehtiega biex

tistabbilixxi l-verita` tal-fatti." (**"Ruth Apap vs Noel Apap"** – PA. FDP 30-6-1995, u **Emanuel Spiteri et vs Benedetta Meilak noe.** PA AF 15-1-2014).

Ghalhekk, jibqa' dejjem jinkombi fuq ir-rikorrenti li tipprova li t-talba taghha hi gustifikata fil-fatt u fid-dritt. Jigi osservat li r-rikorrenti esebiet kopji tat-testmenti kollha *unica charta* tal-genituri taghha, Dok A, datat 24 ta' Settembru 1958, Dok B datat 30 ta' Lulju 1960, Dok C datat 15 ta' Mejju 1963, u Dok D datat 20 ta' Dicembru 1963, Dok E testament tal-armla Carmela Bezzina datat 7 ta' Ottubru 1970, u Dok F testament ahhari ta' Carmela Bezzina datat 4 ta' Ottubru 1978. Esebiet ukoll kopji tar-Registri Elettorali matul is-snin, sas-sena 2015, biex turi li l-fond in kwistjoni kien il-post ta' abitazzjoni taghha.

Ikkonsidrat li permezz tal-ahhar testament tal-omm Dok F, ir-rikorrenti thalliet in-nuda proprjeta` kwantu ghas-sehem ta' tlieta minn hamsa 3/5 indiviz, filwaqt li l-erba' hutha l-ohra, John, Philip, George, u l-intimat Anthony Bezzina ghandhom sehem indiviz ta' wiehed minn ghaxra (1/10) kull wiehed tal-imsemmija dar.

Ghalhekk, ikkonsidrat, li l-pussess tar-rikorrenti ma twelidx minn att ta' uzurpazzjoni jew vjolenza izda twieled minn att pubbliku, mit-testment ta' ommha u tal-genituri taghha, li huwa minghajr ombra ta' dubju pussess *ai termini* tal-**artikolu 534 tal-Kap 16**. Huwa minnu li l-fond huwa soggett ghall-uzufrutt ta' huha John Bezzina, izda jirrisulta mix-xhieda taghha li hi baqghet tokkupa l-fond bi dritt.

effettivament hi gja wirtet sehem ta' nofs indiviz b'effett tat-testment *unica charta* tal-genituri taghha.

Illi fir-rigward tal-molestja, jirrizulta li kien l-agir tal-intimat li waqqaf lir-rikorrenti milli taccedi ghall-imsemmi fond, u konsegwentement milli tkompli taghmel uzu minnu. Difatti, hi fl-20 ta' Awwissu 2014, l-intimat imbarralha l-access rimanenti li kien ghad fadal tant li hi ma setghetx tiftah bic-cavetta il-bieb tax-xellug tad-dar in kwistjoni. Il-verzjoni tar-rikorrenti hija korroborata wkoll permezz tax-xhieda li xehdu b'affidavit.

Riferibbilment ghat-terminu perentorju ta' sena, l-Qorti trid tissenjala li l-ewwel incident f' April/Mejju 2013, mhuwiex parti minn din il-kawza. Difatti, din il-kawza giet ipprezentata fit-13 ta' Awwissu 2015, u ghalhekk tista' biss tikkonsidra l-molestja fl-ambitu tal-incident tal-20 ta' Awwissu 2004 fejn gie imbarrat il-bieb muri fir-ritratt a fol 29 tal-process fin-naha tax-xellug ta' lewn skur.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-kontumacja tal-intimat tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti skont kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrenti giet molestata fid-dritt ta' pussess taghha billi mbarralha l-access ghall-fond 64/65, "L-Ghodwa", Triq tad-Dawl, Haz Zebbug.

2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tordna lill-intimat sabiex fi zmien perentorju ta' xahar mil-lum, jizgombra kompletament mill-parti tad-dar li hu mbarra l-access lir-rikorrenti, u b'hekk jirreintegra lir-rikorrenti fil-pussess esklussiv tal-istess parti tal-fond in kwistjoni.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Ottubru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Ottubru 2016**